MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 496/2005

**Albino Said (I.D. 19652M)**

**Vs**

**Stephen J. u Adele konjugi Muscat**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma verjuri li tigi llikwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti bilanc dovut ai termini ta’ skrittura datata 22 ta’ Jannar, 2003.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn qalu li t-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda stante li kien sar ftehim iehor bejn il-partijiet li ftehmu fuq riduzzjoni tal-kera.

Sema’ x-xhieda tal-partijiet u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi skond il-kuntratt bejn il-partijiet il-konvenuti kienu marbutin li jhallsu erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) kull sena.

Il-konvenut allega li sar ftehim li l-ammont ta’ kera jigi mnaqqas ghal tlett elef lira Maltin (Lm3,000) fis-sena. Charles Muscat xehed li kien prezenti meta sar ftehim li l-kera kellha tkun tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kull sajf.

Illi l-attur cahad li wasal fi ftehim mal-konvenuti sabiex inaqqas il-kera. Illi gie esebit il-kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet u l-verzjoni tal-fatti ta’ l-attur hija izjed kredibbli mill-verzjoni tal-konvenuti ghaliex jekk ghandek ftehim bil-miktub wiehed jippresumi li kull tibdil isir ukoll bil-miktub.

Fit-trattazzjoni l-avukat tal-konvenuti nsista li l-verzjoni li l-attur accetta tnaqqis fil-kera hi kredibbli ghaliex kien l-attur li mar il-habs biex jiltaqa’ ma’ hu l-konvenut u sahansitra ha lill-avukat mieghu. Illi jekk kien hemm avukat prezenti u kien sar ftehim li jikkontradixxi ftehim bil-miktub wiehed kien jippresumi li jew jinkiteb xi haga dak il-hin jew li jsir ftehim biex jinkiteb xi haga iktar tard. Illi bhala fatt il-konvenut ma gab l-ebda skrittura li jikkontradixxi l-ftehim esebit a fol 2 tal-process.
Illi l-attur spjega li l-ammont dovut huwa ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ghaliex ghas-sena 2004 il-konvenut hallas biss tlett elef lira Maltin (Lm3,000) mill-ammont miftiehem ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500).

Ghaldaqstant billi l-konvenuti ma gabux bizzejjed provi biex juru li bhala fatt kien hemm ftehim iehor, jichad ir-Risposta tal-konvenuti, jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur l-ammont

ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti l-ammont miftiehem ghas-sena 2004 bl-imghax mill-1 t’Ottubru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------